


# HAL BALZAN

"Hortibus Undique Septa" -- Imdawwar bil-Gonna minn Kullimkien

IR-RABA' SENA NRU. 24 — LEHEN IL-KUNSILL ĊIVIKU — LULJU/AWWISSU 1975

## HARGA SPECJALI TAL-FESTA TA' MARIJA ANNUNZJATA 1975



**Waqt li kont kollok miġbura**
**Fit-talb t'Alla, o Marija,**
**Gabrijeli l-Anġlu ħabbrek**
**Biex tkun l-Omm minn tal-Messija.**

**L-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa, 9, 10, u 11 ta' Lulju:**

6.00 p.m. Għasar

6.30 p.m. Quddiesa, Kurunella, Innu, Litanija, Antifona, u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Is-Sibt, 12 ta' Lulju:**

7.15 a.m. Quddiesa, Te Deum.
9.00 a.m. Quddiesa għall-morda.
7.30 p.m. Translazzjoni, Għasar u Kompieta.
Ċelebrazzjoni Ewkaristika mill-Eċċ.za Tiegħu Rev.ma Mons. Antonio del Giudice, Nunzju Apostoliku.

**Il-Ħadd, 13 ta' Lulju:**

8.45 a.m. Kant ta' Terza, Quddiesa bil-mużika, Omelija minn Mons. Alan Fenech
6.30 p.m. Għasar u Kompieta.
7.30 p.m. Purċissjoni.
Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika mill-Eċċ.za Tiegħu Rev.ma Mons. Ġużeppi Mercieca, Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali.

*EDITORJAL*

**• IL-FESTA**

**Il-festa reġgħet waslet, u għal darb'oħra għandkom f'idejkom ħarġa speċjali tal-gazzetta ĦAL BALZAN fl-okkażjoni tal-festa għażiża ta' l-Annunzjata. Aħna żguri li l-festa tal-Lunzjata l-Balzanin kollha jkunu qegħdin jistennewha bl-akbar ħerqa, u dan narawh mill-attività li jkun hawn fir-raħal sa minn ġimgħat qabel — min ibajjad il-faċċata tad-dar, min jiżbogħ xi bieb, u min jagħmel ħaġa, u min oħra — attività li tilħaq il-quċċata tagħha fil-ġimgħa tal-festa. Dawn huma affarijiet sbieħ, għax juru li l-festa tar-raħal għad għandha post speċjali fi qlub il-Balzanin xejn anqas milli kellha fi qlub missirijietna li l-ħeġġa li kellhom għall-festa tal-Lunzjata jixhdu għaliha l-armar u t-tiżjin sabiħ li ħallewlna għall-knisja kif ukoll għat-toroq tagħna.**

**Għeżież Balzanin, il-festa għalina għandu jkollha żewġ aspetti, it-tnejn importanti, u t-tnejn jagħmlu l-festa dak li hi. Il-festa tal-Lunzjata hija qabel xejn festa reliġjuża, li fiha niftakru fil-ġrajja kbira fl-istorja ta' l-umanità meta Alla bagħat l-Anġlu ħabbar tiegħu bil-bxara l-kbira tal-miġja tal-Feddej li kellu jsir bniedem minn Mara, ġrajja li nisslet fil-bniedem ferħ u tama ġdida. U dan il-ferħ qaddis għandu jidher fina f'dawn il-ġranet aktar mis-soltu billi niftakru f'dan il-misterju kbir li l-Balzanin tal-qedem għażlu bħala t-titular tal-Parroċċa tagħna. Ejja nieħdu sehem sħiħ fil-funzjonijiet u ċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fil-knisja f'dawn il-jiem għeżież, ejja nħeġġu lil ħaddieħor sabiex ma jonqosx li jattendi għat-tridijiet li jsiru bi tħejjija, u b'mod speċjali għall-quddiesa kantata ta' nhar il-festa, li fiha nitgħallmu u nsiru nafu aktar fuq il-kobor ta' Marija ħalli aktar nimitawha f'ħajjitna.**

**Il-festa hija wkoll okkażjoni soċjali mill-isbaħ li fiha, biex ngħidu hekk, il-Balzanin jerġgħu jġeddu r-rabtiet ta' ħbiberija ta' bejniethom u jiltaqgħu u jifirħu flimkien. Hija l-okkażjoni x'aktarx waħdanija fis-sena meta l-Balzanin, ukoll dawk li m'għadhomx joqogħdu Ħal Balzan, jingħaqdu flimkien u bħal jinsew id-differenzi ta' bejniethom u l-impenji l-oħra tal-bqija tas-sena, u jifirħu b'xulxin u jixorbu u jiċċelebraw flimkien. Dan l-aspett tal-festa m'huwiex inqas importanti mill-aspett reliġjuż, għax huwa meħtieġ ukoll li l-bniedem ikun jaf jifraħ u jaf iferraħ bla ma jdejjaq 'il ħaddieħor. Jalla naraw il-Balzanin kollha jifirħu u jieħdu pjaċir u jallegraw ruħhom bil-logħob tan-nar u bil-marċi brijużi tal-baned mat-toroq tagħna; jalla naraw il-Balzanin kollha magħqudin fi sforz wieħed ħalli l-festa tirnexxi kif, għall-grazzja t'Alla, dejjem irnexxiet fl-imgħoddi. B'hekk żgur il-festa tagħna tkun qed tilħaq l-iskop tagħha u sservi ta' ġid kemm għar-ruħ kif ukoll għall-ġisem.**

**Nixtiequ lill-Balzanin kollha u 'l dawk kollha li jiġu jifirħu magħna f'dawn il-jiem IL-FESTA T-TAJBA.**

**• L-400 SENA TAL-FRATELLANZA**

**Kienu f'waqthom ħafna l-festi li saru fl-aħħar ġimgħa ta' Mejju sabiex ifakkru r-raba' ċentinarju mit-twaqqif tal-fratellanza tas-Sagrament fil-Parroċċa minn Mons. Pietru Duzina fl-1 ta' Frar 1575. Kienu f'waqthom u organizzati tajjeb, u wieħed jittama li l-iskop tagħhom intlaħaq, jiġifieri li tikber fil-Parroċċa d-devozzjoni lejn Ġesù fis-Sagrament ta' l-Ewkaristija Mqaddsa.**

**Iżda, ta' min jistaqsi, kemm mill-fratellanzi li għandna fil-Parroċċa, u minn dawk li jeżistu f'Parroċċi oħra f'Malta, huma tabilħaqq ħajjin u attivi? Kemm minnhom għadhom**

**• għal paġna 2**

## NIXTIEQU L-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD

**Il-Ġimgħa, 11 ta' Lulju:**

Marċi mill-Baned 'San Gabriel' u 'Santa Katerina' taż-Żurrieq.
Logħob tan-Nar.

**Is-Sibt, 12 ta' Lulju:**

8.30 p.m. Marċi u Programmi mill-Baned 'San Gabriel' u 'Duke of Connaught' ta' Birkirkara.

10.30 p.m. Murtali tal-kulur u logħob tan-nar.

**Il-Ħadd, 13 ta' Lulju:**

9.30 a.m. Marċ mill-Banda 'San Gabriel'.

5.30 p.m. Marċi u Programmi mill-Baned 'King's Own' tal-Belt u 'Konti Ruġġieru' tar-Rabat.
Matul il-purċissjoni, murtali tal-kulur u kaxxi nfernali.

10.00 p.m Marċ mill-Banda 'San Gabriel'.

**F'dak il-ħin l-Anġlu fissirlek**
**Il-misteru l-iżjed kbir,**
**Li bl-istess nar ta' mħabbtek**
**Alla bniedem fik isir.**



**Iż-żewġ statwi kbar tal-ġebel ta' Sidtna Marija Mħabbra u l-Arkanġlu San Gabriel, li jinsabu fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Ħal Balzan, huma xogħol mill-isbaħ ta' l-iskultur Malti Siġismondo Dimech (1780-1853). Dawn iż-żewġ statwi huma meqjusin bħala l-isbaħ grupp ta' l-Annunzjazzjoni li għandna Malta.**

"ĦAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-
KUNSILL ĊIVIKU — BALZAN

c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel'
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Ħamrun.

• minn paġna 1
jeżistu fis-sens veru tal-kelma? Tgħid wasal il-waqt li nirriformawhom u nerġgħu nagħtuhom ftit tal-ħajja mill-ġdid?

Illum, huwa fatt li ħadd ma jista' jiċħdu li l-fratellanzi marru lura, u dan għaliex tilfu l-iskop li għalih twaqqfu. Dari kellhom skop nobbli li l-fratellanzi qdewh tajjeb, għax imlew vojt kemm fil-ħajja reliġjuża kif ukoll fil-ħajja ċivika ta' pajjiżna. Iżda llum li l-istruttura tal-ħajja Maltija nbidlet u x-xogħol tal-fratellanzi ttieħed minn għaqdiet oħra, dawn il-fratellanzi tilfu l-iskop tagħhom.

B'daqshekk ma rridux infissru li għandna nwarrbuhom u nxoljuhom. Li għandna nagħmlu huwa li nirriformawhom, li nagħtuhom sura ġdida li taqbel maż-żmien li qed ngħixu fih. Nieħdu l-fratellanzi tas-Sagrament. Dawn twaqqfu sabiex ikabbru l-qima lejn l-Ewkaristija u sabiex l-imseħbin tagħhom jakkumpanjaw lis-Sagrament f'kull purċissjoni li ssir u f'kull vjatku tal-morda. Illum il-purċissjonijiet bis-Sagrament naqsu, u l-vjatku m'għadux isir bis-sollennità ta' l-imgħoddi. Imma l-qima lejn Ġesù Ewkaristija għad baqa' l-bżonn ta' min jieħu ħsiebha u jkabbarha f'pajjiżna, forsi aktar minn erba' mitt sena ilu. Għalhekk din ix-xirka ta' nies (m'hemmx għalfejn nibqgħu nsejħulhom fratelli) għad tista' taqdi skop kbir u qaddis.

Li nissuġġerixxu hu li tiġi ffurmata xirka ta' rġiel u nisa li, imħeġġin mill-qima lejn l-Ewkaristija Mqaddsa, ikollhom bħala għan tagħhom it-tixrid ta' din il-qima fil-Parroċċa. Għalhekk, taħt il-ħarsien u bil-għajnuna ta' xi qassis tal-Parroċċa, jista' jkollhom fi ħsiebhom l-organizzazzjoni tal-festa ta' Corpus u tal-Kwaranturi, ta' l-Ora Santa ta' kull nhar ta' Ħamis, u wkoll ta' konferenzi u laqgħat li jsiru minn żmien għal żmien fil-każini u fi mkejjen oħra fil-Parroċċa, xi ħaġa tixbah lill-ġimgħa kontra d-dagħa li ġiet organizzata xi xhur ilu mix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla. Tkun xirka ta' nies li jimpenjaw ruħhom li jxerrdu l-qima lejn l-Ewkaristija kull fejn ikunu, imma l-aktar fil-Parroċċa. Imbagħad fil-purċissjonijiet tas-Sagrament jakkumpanjaw ilkoll flimkien, mingħajr ma jkollhom għalfejn jilbsu l-ilbies tradizzjonali tal-fratellanza, wara l-istandard l-aħmar tas-Sagrament. B'hekk, naħsbu, il-fratellanza tista' terġa' tieħu l-ħajja mill-ġdid u tilħaq aktar l-iskop tagħha. F'dan forsi Ħal Balzan jista' jkun ta' eżempju għal bliet u rħula oħra f'Malta.

## • IL-PURĊISSJONI TA' L-AĦĦAR TA' MEJJU

Waħda mill-purċissjonijiet l-aktar għeżież għal qalb il-Balzanin kien il-korteo bil-Madonna ta' Fatima fl-aħħar jum ta' Mejju. Dan kien jitlaq mill-Museum tas-Subien u jispiċċa l-knisja. Kien korteo sempliċi, li fih kienu jieħdu sehem it-tfal u wkoll ħafna rġiel u nisa kbar. Dak ir-Rużarju mmeditat u dak il-kant ħlejju ta' innijiet Marjani, u l-preżentazzjoni tal-ward lill-Madonna, kienu jagħmlu minn dan il-korteo egħluq xieraq għax-xahar imqaddes ta' Mejju.

Dan il-korteo, li kien ilu jsir is-snin fil-Parroċċa u kien intrabat sħiħ mal-ħafna ċerimonji sbieħ li jsiru fil-Parroċċa tagħna, din is-sena ma sarx. Għandna nifhmu li dan ġara minħabba l-festi kommemorattivi tal-fratellanza tas-Sagrament (sewwasew fl-aħħar jum ta' Mejju saret l-Akkademja Mużiko-Letterarja fil-knisja). Biss nittamaw li għas-snin li ġejjin dan il-korteo jibqa' jsir bħal fl-imgħoddi. In-nies kienet tridu, u Ħal Balzan, bħala Parroċċa ddedikata lill-Madonna, għandu jfittex li fejn jista' jżid u jkattar il-qima Marjana.

LIL HBIEBKOM LI JIĠU MINN BARRA
GHAL XI VAGANZA

IRRAKKOMANDAWLHOM

MOLLY'S GUEST HOUSE

FIRST CLASS
BED & BREAKFAST

72, BALZAN VALLEY, BALZAN-MALTA
Telephone: 41296

# IL-LUNZJATA

## — DJALOGU BEJN MARIJA, SAN LUQA, U L-POPLU —

LUQA:

Madonna ta' l-akbar bxara,
X'qallek l-Anġlu tas-smewwiet?
Għidli sew il-ġrajja tiegħek
Li qatt ġrat fost ix-xbejbiet.

Fil-Vanġelu jeħtieġ nikteb
Dak li Inti ħbejt għal żmien,
Kif Int sirt Omm il-Messija,
Biex jixxandar kullimkien.

MARIJA:

Il-ktieb tiegħek jiena nbierek,
Mela niżżel dan li ġej:
Deherli l-Anġlu Gabrijeli,
Mibgħut għandi mill-Mulej,

Fid-dar tiegħi ġewwa Nazaret,
Qalli: "Sliem għalik Marija,
Il-Kbir Alla qiegħed miegħek,
Int bil-grazzja ġejt mimlija."

Dan il-kliem lili ħawwadni,
Iżda mbagħad tani t-tifsir,
Kif bil-qawwa t'Alla waħdu,
L-Omm ta' Kristu kelli nsir.

Jien emmint li kollox jista'
Dak li Hu ta' kollox sid,
Ruħi rbatt mar-rieda Tiegħu,
U weġibtu: "Iva rrid."

Ibni twieled ġewwa Betlem,
Jien bqajt xebba b'għaġeb kbir,
U ta' dan ħajr irrid nagħti
Lil Mulejja, kull tifħir.

Xhud ta' dan hu t-twajjeb żewġi,
Dak Ġużeppi, il-ħaddiem,
Għax hu kien li żammli ġiehi,
Mar fit-tempju bil-ħamiem.

Xhud oħra Eliżabetta,
Meta lilha mort kellimt,
Qaltli: "Mbierka fost in-nisa!"
Seħħ kliem l-Anġlu kif emmint.

U fis hemm ħallejt ilsieni,
Għannejt l-għanja tal-Feddej,
Għax b'qawwietu u ħninietu
Lili għolla, il-Mulej.

U l-ġnus kollha ta' did-dinja
Lili jbierku kullimkien,
U fuq kollox jagħtu qima
Lil Mulejna għal kull żmien.

IL-POPLU:

Aħna wkoll lilek ingħollu,
Insebbħuk bla xejn mistrieħ,
Lilek nagħtu kull foħrija,
Inti ħaqqek l-akbar ġieh.

Inti taf kemm knejjes bnejna
Biex nuruk kemm inħobbuk,
Kemm xbihat bl-eluf għamilna
Biex għal dejjem infakkruk.

U fost dawn ix-xbihat kollha,
L-isbaħ waħda, kollha ġmiel,
Hija din li turi Lilek
Quddiem l-Anġlu Gabrijiel.

Għax min sawwar din ix-xbiha,
Aktarx Int mexxejt idejh,
U dawwaltlu ukoll moħħu,
Wiċċek ra, għax Int kont ħdejh.

LUQA:

Le, kont jiena li mexxejtu
Bil-Vanġelu illi ktibt,
Fuq il-kliem li smajt minn fommHa
Meta s-sewwa kollha ksibt.

**Rafel Bonnici Calì**
25 Marzu 1975.

Nota — Jingħad li l-evanġelista San Luqa kiseb it-tagħrif dwar it-tħabbir u t-twelid ta' Ġesù mingħand il-Madonna nfisha li dehritlu u għarrfitu b'kollox.

**Nirringrazzjaw lis-Sur Rafel Bonnici Calì għal din il-poeżija ħelwa li qed tiġi ppubblikata għall-ewwel darba fil-gazzetta tagħna.**

## ŻEWĠ ŻGħAŻAGħ BALZANIN JIRBĦU PREMJU

Ftit ġimgħat ilu sar konkors għal Premju Sagħtar imniedi mill-Moviment Qawmien Letterarju taħt il-patroċinju tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni, l-Onorevoli Dr. Joseph Cassar. Dan il-konkors kien ta' żewġ kategoriji — seniors (għall-kbar) u juniors (għaż-żgħar). Dan kien għall-istudenti subien u bniet ta' l-iskejjel sekondarji ta' Malta u Għawdex.

Għalih daħlu 43 student subien u bniet minn 28 skola sekondarja. L-għan ta' dan il-konkors kien biex iż-żgħażagħ tagħna jagħrfu jħobbu u japprezzaw il-kultura Maltija. Ir-rebbieħa ngħażlu wara eżami bil-miktub li kien jikkonsisti fi tliet taqsimiet.

Is-sinjorina Mary Doris Borg, li toqgħod fi 2 Triq Providenza, Ħal Balzan, u tattendi St. Venera Girls' Secondary School, kisbet l-ewwel premju fit-taqsima taż-żgħar, filwaqt li s-sur Martin Spiteri, li joqgħod f'85 Triq il-Kbira, Ħal Balzan, u jattendi Naxxar Boys' Secondary School, kiseb it-tielet premju fit-taqsima tal-kbar.

Filwaqt li nifirħu minn qalbna lil dawn iż-żgħażagħ Balzanin, nixtequlhom kull suċċess fil-karriera ta' l-istudju tagħhom.

GHAL KULL
XORTA TA'
BIZZILLA
TA' MALTA
*Irrikorru:*
73, MAIN STREET,
BALZAN

VITAFOAM
ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMHADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OHRA TAL-FOAM
*Irrikorru:*
VITAFOAM MALTA LIMITED
Industrial Estate, San Ġwann (B'Kara)
Telephone: 36275/76

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN (24)

# IL-KNISJA PARROKKJALI (12)

MINN DUN ĠWANN DIMECH

## IL-KOR (4)

### IL-PITTURA — DWAR IL-KOR, BAQGĦALNA NGĦIDU BISS XI ĦAĠA DWAR IL-PITTURA.

Il-kwadru titulari li hemm illum hu xogħol tal-pittur Ġużeppi Calleja, skular tal-pittur Ġużeppi Hyzler, li kien il-pittur li ħa l-kummissjoni ta' dan il-kwadru. Fis-sena 1857, Ġużeppi Hyzler irċieva mingħand il-prokuraturi tal-Knisja s-somma ta' 700 skud għal dan il-kwadru. (1) Dan il-kwadru tqiegħed fejn narawh illum nhar id-9 ta' Marzu 1859. Qabel dan il-kwadru kien hemm ieħor li hu artistiku ħafna u li llum qiegħed iservi ta' suffitt fis-sagristija l-qadima. Dan il-kwadru, skond il-ħsieb tal-Kav. R. Bonnici Calì, hu xogħol ta' Karlu Zimech li għex fis-seklu tmintax. (2)


Iż-żewġ kwadri kbar li llum igħattu l-post fejn kien hemm il-gallarijiet ta' l-orgni jirrappreżentaw wieħed il-Preżentazzjoni fit-Tempju u l-ieħor l-Assunzjoni ta' Marija Santissma. Dawn iż-żewġ kwadri huma xogħol il-pittur Rokku Buhagiar (1725-1805).

Meta nħarsu 'l fuq, naraw il-koppletta, li hi xogħol tal-pittur Ġużeppi Calì. Il-pittura tal-koppletta fiha erba' taqsimiet. Dawn juru t-tkeċċija ta' l-anġli l-ħżiena mis-sema, it-tkeċċija mill-ġenna ta' l-art ta' Adam u Eva, Alla l-Missier juri 'l Marija li kellha tkun Omm il-Feddej, u l-anġlu qed ikellem 'il San Ġużepp fil-ħolm. Tal-pittur Calì wkoll huma ż-żewġ lunetti tal-faċċata, li juru l-Papiet S. Girgor il-Kbir u S. Ljun I. Dawn ġew ippitturati fl-1910.

Iż-żewġ lunetti l-oħra, li juru l-Papiet S. Ċelestinu u S. Martinu, kif ukoll l-erba' figuri ta' maġenb it-twieqi, li jirrappreżentaw id-Dutturi tal-Knisja S. Bennard, S. Alfons, S. Ġlormu, u S. Ċirillu, huma xogħol il-Prof. Emvin Cremona fl-1957.

**RINGRAZZJAMENT**

Nirringrazzjaw lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor għenu fil-pubblikazzjoni ta' din il-ħarġa speċjali.





**Fir-ritratt ta' fuq tidher il-pittura tal-kor xogħol il-Kav. Emvin Cremona, filwaqt li isfel tidher il-koppletta ta' l-istess kor, li pittirha Ġużeppi Calì fl-1910.**

### IŻJED DWAR IL-KOR

Is-sena l-oħra 1974 dan il-Kor inżebagħ mill-ġdid. Ingħatat l-induratura, u fil-friż tqiegħdu l-invokazzjonijiet— "Omm ta' Min Ħalaqna" u "Omm ta' Min Salvana".

Il-paviment tal-Kor sar mill-benefatturi Pietru Pawl u Ġakkin Frendo fl-1895, kif tixhed l-iskrizzjoni fuq lapida li hemm fil-Kor stess li tgħid hekk:

Petrus Paulus et Joachimus Frendo
Hujus Chori Et Presbyterii Pavimentum
Aere Proprio
Marmore Straverunt
A.D. MDCCCXCV

Fuq in-naħa l-oħra ta' l-artal tal-Kor insibu lapida oħra li tgħid:

D.O.M.
Perlege Viator
Unam Hanc Quam Pro Se Et Suis
Fr. Joseph Zammit Ord. Hierosol.ni
Artis Et Medicinae Doctor Insignis
Nec Non
Comes Palatius
Academiae Physicorum Lector
M.M. Fr. Antonii Manuel Archiater
Elegit
Vixit Ad Nonaginta Annos
Vitam Cum Morte Commutavit
Die 2 Men. Oc.ris 1740
Hinc
Agata Ferruggia Et Magri Nep.tis
In Grati Animi Testimonium
Hoc Sepulcrali Lapide Ornavit 1741
Hic Titulus Huc Translatus Est A.D. 1952

*REFERENZI*
1. ARK. PARR.: Lib. 24.
2. BONNICI CALÌ R.: ĦAL BALZAN Nru. 20.

### *IT-TROFEJ*

**Filwaqt li tkunu tammiraw it-tiżjin ta' Triq id-Dritta ta' quddiem il-knisja, ftakru li t-trofej li hemm f'din it-triq din is-sena jagħlaq ukoll ħamsin sena, u għalhekk għadda wkoll nofs seklu minn fuq id-drappa ta' l-istandardi u l-bandalori tagħhom.**

**ANROL HOUSEHOLD GOODS**
**24, NAXXAR ROAD, BIRKIRKARA**
*HIRE PURCHASE INSTALMENT ACCEPTED*
*We deal in:*
• ARISTON Ref. Cookers • HOOVER Refrigerators and Washing Machines • ZOPPAS Cookers and Televisions • KENWOOD Mixers • INDESIT Cookers, Washing Machines, Refrigerators and Televisions • ENGLISH ELECTRIC Washing Machines — We sell various types of giftware, Bathrooms, wall and floor tiles, kitchen stainless steel basins.
1st *July to* 15*th August*
10% TRADE FAIR DISCOUNT — CASH BASIS

**SOMBRERO PASTIZZERIJA**
FEJN ISSIBU:—
PASTIZZI, QASSATAT, RAVJUL, U PIZZA
**215, VALLEY ROAD, BIRKIRKARA**

**GOMATO HOUSEHOLD GOODS**
Prop: PETER PISANI
**CHANDELIERS AND SOTTO SPECCHIOS, SALOTTI TA' BARRA (MILAN)**
**14, BRARED SRTEET, BIRKIRKARA**
Telephone: 43662

# IL-QNIEPEN JAGHLQU 50 SENA

**IS-SENA LI AĦNA FIHA U LI ĠA ĦALLIET NOFSHA WARAJHA HIJA S-SENA MQADDSA JEW IS-SENA TAL-ĠUBLEW. ĦAFNA HUMA DAWK LI FIL-LEJL TAL-MILIED RAW FIT-TELEVIŻJONI LILL-QDUSIJA TIEGĦU L-PAPA PAWLU VI JIFTAĦ IL-BIEB IMQADDES TAL-BAŻILKA TA' SAN PIETRU ĠEWWA RUMA U JAGĦTI BIDU GĦAS-SENA MQADDSA. ĦAFNA HUMA DAWK IN-NIES LI ĠA MESSITHOM IX-XORTI LI JGĦADDU MINN DAN IL-BIEB IMQADDES, U KBIR HU L-GĦADD TA' DAWK LI GĦAD IRIDU JGĦADDU MINNU MA' TUL IL-KORS TA' DIN IS-SENA. KIEN PROPRJU F'ĠUBLEW IEĦOR, DAK TA' L-1925, META FIL-PARROĊĊA TAGĦNA WASAL SETT QNIEPEN TAD-DITTA PACCARD MINN ANNECY FI FRANZA.**

**Fir-raħal tagħna kien ilu jinħass il-bżonn ta' sett qniepen ġodda, billi l-qanpiena l-kbira tas-sett li kien hawn qabel kienet inkisret. Din il-qanpiena, flimkien ma' oħrajn, kienet ta' Ġulju Cauchi, fundatur Malti. Skond kif wasal għandi permezz tat-tradizzjoni, dana Ġulju kien faqqar lill-Balzanin, billi kien għamel kemm-il qanpiena għall-knisja tagħna. Ma rridx ingħid li dan il-fundatur Malti kien jagħmel xogħol ħażin. Xejn minn dan! Irrid ingħid li aħna l-Balzanin xejn ma kellna xorti tajba max-xogħol tiegħu. Hawn xi ftit irħula f'Malta li għadhom igawdu l-qniepen tiegħu. Biżżejjed insemmu l-knisja kolleġġjata tal-belt Vittoriosa li għandha l-qanpiena l-kbira, li għandha ton ferm sabiħ, ta' dan l-imsemmi fundatur. U la darba semmejna lil dan il-fundatur tal-qniepen, għajb li din is-sengħa tiegħu ma għaddieha lil ħadd u mietet miegħu.**

Kif għidna, il-bżonn ta' sett qniepen ġdid kien dejjem iberren fl-imħuħ ta' bosta Balzanin. Imma min kien se jidħol għal biċċa xogħol bħal din, meta tiftakar li f'Malta dak iż-żmien kien hawn nuqqas kbir ta' xogħol u l-bniedem kien ikollu xorti kbira meta kien isib jaqla' l-għajxien tiegħu ħażin ħażin? Iż-żgħażagħ tal-lum ma jistgħux iġibu dan quddiem għajnejhom, meta l-ħajja tal-lum hi ferm differenti minn dik taż-żmien li qegħdin insemmu. Mill-banda l-oħra rridu niftakru li l-popolazzjoni ta' Ħal Balzan lanqas ma kienet kbira fil-għadd. Dak iż-żmien il-popolazzjoni tar-raħal tagħna ma kenitx tlaħħaq l-elf ruħ. Is-sitwazzjoni li fiha kienet tinsab Malta kienet inħolqot wara l-ewwel gwerra dinjija, dik ta' l-1914-1918.

Biss il-ħsieb ta' sett qniepen ġdid ma setax iħalli fil-paċi l-menti tal-veri Balzanin. Għalhekk fl-aħħar indaħal għal din il-biċċa xogħol iebsa u diffikultuża l-Każin Marija Annunzjata, l-uniku każin li kien jeżisti f'Ħal Balzan fiż-żmien li fuqu qed nitkellmu.

### JITWAQQAF KUMITAT

L-ewwel ħaġa li saret biex dik il-ħolma ssir realtà kienet li waqqfu kumitat biex jaħdem u jipprovdi l-fondi meħtieġa għas-sett ta' qniepen li xtaqu jagħmlu. Dan kien fis-sena 1919. Il-kumitat li twaqqaf kien magħmul minn nies li kellhom qalb ta' sur u li warrbu minn quddiem għajnejhom id-diffikultajiet ta' madwarhom. Il-kumitat tal-qniepen kien iffurmat hekk:

President — Is-Sur Ġużepp Vassallo ta' Mudest; Segretarju — In-Nutar Luigi Gauci Forno; Kaxxier — Is-Sur Luigi Briffa; u Viċi-Kaxxier — Is-Sur Salvatore Pisani tat-Tanti. Il-membri l-oħra kienu: is-sinjuri Salvatore Debono ta' Peppina, Fredu Camilleri ta' Dorina, Carmelo Muscat ta' Vokali, Mikiel Micallef tal-Fanfra, Carmelo Pisani ħu l-Viċi Kaxxier, Ċensu Brincat Balal, Ġużepp Sammut missier il-Kan. Dun Spir Sammut, u Franġisku Sammut ta' Rożi. It-twaqqif ta' dal-kumitat kien it-twelid tas-sett ġdid tal-qniepen.

**KITBA TA' VALENTINO MUSCAT**

L-ewwel ħaġa li għamel dan il-kumitat kienet li talab lill-kappillan ta' dak iż-żmien, ir-Rev. Dun Amabile Sisner, jagħtih id-dħul mis-siġġijiet tal-knisja. Iżda l-kappillan, billi kien jaf tajjeb il-qagħda finanzjarja tal-knisja, deherlu li ma setax jilqa' t-talba tagħhom, għalkemm dan ma jfissirx li huwa ma kienx favur is-sett ġdid ta' qniepen.

Beda għaldaqstant il-ġbir tal-qniepen mid-djar tar-raħal, bħal dak li jsir illum għall-festa kull nhar ta' Ħadd. Sar ukoll arbural mar-raħal kollu; organizzaw fieri sew fil-każin, sew fir-raħal, kif ukoll fil-ġonna ta' San Anton, u anke fl-Argotti l-Furjana, u fl-istaġun tas-sajf kienu jagħmlu t-teatrin fil-bitħa tal-każin. Din il-ħidma damet sejra mhux sena jew tnejn, iżda għal kważi sitt snin sħaħ.

Kif wieħed jista' jara, saru bosta ħidmiet sabiex il-fondi jiżdiedu, għax is-somma li f'għajnejn in-nies tal-lum tidher żgħira, iżda għal dak iż-żmien biex ittella' s-somma ta' £1100 ma kenitx ħaġa li tagħmilha fi żmien qasir. Dawn id-diversi ħidmiet saru mill-kumitat kollu, iżda x-xogħol kien organizzat u mqassam tajjeb fuq il-membri kollha.

Fil-kors ta' dan il-ġbir miet il-kappillan Dun Amabile Sisner. Dan ġara fix-xahar ta' Ġunju 1923. Dak in-nhar f'Ħal Balzan kienet qed issir il-festa ta' San Valentinu Martri.


Fid-19 t'Awissu ta' l-istess sena ħa l-pussess tal-parroċċa l-Kappillan Dun Franġisk Saver Zahra, illum Monsinjur. Il-kappillan il-ġdid ħasibha xort'oħra rigward l-introjtu tas-siġġijiet tal-knisja, billi meta l-kumitat reġa' għamel it-talba tiegħu għas-siġġijiet lill-kappillan il-ġdid, dan wara li kkonsulta ruħu ma' l-isqof fuq il-proposta tal-kumitat laqa' t-talba tagħhom u b'hekk il-flus li kienu jinġabru mis-siġġijiet kienu jiżdiedu mal-fondi tal-qniepen. Dawn il-fondi kienu aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar jiżdiedu, u tant kienu żdiedu li issa l-kumitat kien ħaseb biex jagħmel l-ordni għas-sett tal-qniepen. Il-kumitat kien ġa għamel l-għażla tiegħu fejn kien se jagħmel l-ordni. Intgħażlet il-fabbrika Paccard ta' Franza, billi din kienet għamlet isem kbir għax-xogħol tagħha.

### JINĠIEB IL-FABBRIKANT

Issa ġara li billi fis-sett tal-qniepen li kien hemm qabel kien hemm waħda li dehrilhom li ma kienx ta' min iwarrabha u riedu jdaħħluha mas-sett il-ġdid, kellhom iġibu l-fabbrikant biex ikun jista' jintona u jdaħħal il-qanpiena li riedu jħallu mas-sett il-ġdid. Dan kien ifisser li kellhom jidħlu għall-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u tal-qgħad f'Malta tal-fabbrikant. Biss din kienet ħaġa li kellha ssir u l-kumitat ma qagħadx jaħsibha darbtejn, u għalhekk il-fabbrikant ġie Malta. Niftakar qisu l-bieraħ, għalkemm kien għad kelli biss l-esperjenza ta' ftit xtiewi, li qed nara l-fabbrikant fuq iz-zuntier tal-knisja n-naħa tal-kampnar fir-rokna ta' bejn il-bieb tal-kappellun u l-bieb tal-korsija, quddiem sett qniepen tal-banda u kultant jagħti daqqa ta' mazza fuq wieħed mit-tubi, wara li tkun daqqet il-qanpiena li kienu se jdaħħlu mas-sett il-ġdid.

Din il-qanpiena hija dik li aħna l-Balzanin insejħu 'ix-xiħa' li hi t-tielet waħda tas-sett li għandna llum. Din xi darba kienet l-akbar qanpiena tal-parroċċa billi ġġib l-isem u għandha l-figura ta' l-Annunzjata.

Bil-wasla tal-fabbrikant f'Malta, il-kumitat tal-qniepen iffinalizza dak li bil-korrispondenza kien ikun xi ftit diffiċli li jsir, irrid ingħid li barra li issa l-qniepen ġew ordnati, sar ukoll il-ftehim fuq il-prezz tagħhom u kif kellhom jitħallsu. Malli sar dan il-ftehim il-fabbrikant telaq lejn artu, u l-Balzanin issa fehmu li ma kenux se jdumu jistennew sabiex jisimgħu l-qniepen il-ġodda. Il-ġbir kompla sejjer mingħajr ma qata' u nistgħu ngħidu li l-Balzanin kien donnhom iktar tħeġġu issa li kienu jafu li l-qniepen ġew ordnati. L-ewwel wieħed mill-erba' pagamenti kompla mela bil-kuraġġ lin-nies tar-raħal tagħna. Għadda ż-żmien u wasal it-tieni, u t-tielet pagament. Kien jonqos biss ir-raba' u l-aħħar pagament, li dan kellu jitħallas wara li l-qniepen ikunu waslu fil-gżira tagħna.



**Fir-ritratt tidher iċ-ċerimonja tat-tberik tal-qniepen minn Mons. Mawru Caruana, Isqof ta' Malta, nhar id-19 ta' Marzu 1925.**

### JASLU L-QNIEPEN

L-eċċitament tal-Balzanin beda kull ma jmur iżjed jiżdied, billi issa l-wasla tal-qniepen kienu jistennewha minn jum għal ieħor. Jum fost l-oħrajn fil-bidu tax-xahar ta' Marzu Ħal Balzan xegħel qisu ħuġġieġa waħda bl-aħbar tal-wasla tal-qniepen. Ma kontx ħlief tisma' minn fomm il-poplu l-kelmiet, "Il-qniepen waslu!"

Kien il-Ħadd, 15 ta' Marzu 1925, meta wara nofs in-nhar Ħal Balzan imtela b'folol kbar ta' nies ilkoll jistennew il-wasla tal-qniepen il-ġodda. Iż-żewġ karrijiet li kellhom iġibu l-qniepen kienu ġa marru x-xatt. Is-Sur Carmelo Giordmaina (Fantin) kien kollu ferħan għax lilu messet ix-xorti li jgħabbi l-qanpiena l-kbira u ż-żgħira fuq il-karru tiegħu li kien miġbud middebba li kellu dak iż-żmien. L-ieħor kien is-Sur Lippu Sammut (il-Lupu) minn Birkirkara li għabba t-tnejn l-oħra. Il-karru tiegħu kien miġbud minn żewġ bgħula. Wara li kull wieħed minnhom kien għabba t-tagħbija tiegħu, qabdu triqthom lejn ir-raħal. Xi Balzanin marru x-xatt u ġew magħhom bil-mixi. Ma nistax infisser il-ferħ tal-poplu Balzani meta l-qniepen waslu r-raħal. Kulħadd kien donnu ried itir bil-ferħ u kulħadd kellu dik it-tbissima fuq xofftejh. Kien jidher li l-poplu kien feraħ ħafna bis-sett il-ġdid.

### IT-TBERIK

Bdew issa t-tħejjijiet għat-tberik tal-qniepen. Wara li kien kollox lest, wasal il-jum tat-tberik tal-qniepen il-ġodda. Kien il-Ħamis, 19 ta' Marzu, festa tal-Patrijarka San Ġużepp, l-għarus kastissmu ta' Marija Verġni, meta Mons. Caruana, isqof ta' Malta u arċisqof ta' Rodi, għamel iċ-ċerimonja tat-tberik akkumpanjat mill-kappillan Dun F.S. Zahra flimkien mal-kleru tal-parroċċa. Kienet ċerimonja tassew

• għal paġna 5

MUSCAT FLORA
POPE ALEXANDER JUNCTION
BALZAN TEL. 42479

Din id-Ditta hija Fergħa tal-
GIARDINO ALLEGRA ta' Catania
MUSCAT FLORA PET SHOPS
18, TRIQ BRITANNIA, VALLETTA
Telephone: 27512

Infornukom bi kwalunkwe pjanti u siġar ornamentali, basal u żrieragħ tal-fjuri u tal-ħxejjex, demel artifiċjali, terriċċju, insettiċidi, pompi u b'kulma huwa meħtieġ għall-ġonna u l-qsari, saħansitra kotba ta' tagħlim fuq il-ġonna u l-Pets tagħkom.

BALZAN BUTCHER SHOP
FALZON BROS.
107, MAIN STREET, BALZAN

# WIRT ĦAL BALZAN

**F'kull belt jew raħal ta' Malta jinstabu kliem, jew aħjar espressjonijiet, li jkunu midħla tagħhom in-nies ta' dak il-post biss. Hekk f'Ħal Balzan, jew kif kienu jsibuh fil-bidu ta' dan is-seklu b'Casal Balzan, jew kif isibuh oħrajn bħala Villa Balzan (u dan tixhdu l-plakka li hemm ma' ħoġor il-bieb tal-Każin tal-Banda San Gabrijiel), jeżistu kliem li jaħasra ħafna qed jintesew, li huma midħla tagħhom il-Balzanin biss. Huwa l-ħsieb tiegħi illi niġbor dawn il-ftit kliem ħalli ta' warajna jibqgħu jgħożżuhom bħala wirt Ħal Balzan, raħal imdawwar kullimkien bil-ġonna u l-ward: "Hortibus undique septa".**

Il-Professur Ġużè Aquilina, fil-ktieb tant interessanti tiegħu 'Papers in Maltese Linguistics', x'ħin jagħti studju ta' xi nħawi ta' Malta u Għawdex isemmi xi raba' li jdawwar jew jagħmel parti minn Ħal Balzan stess. Hekk insibu Il-Berwieq (fjuri), Il-Qasbija, L-Iklin, L-Imrieħel (1). Nafu wkoll b'raba' ieħor — b'tad-Dingejru, biz-Zekkuk (imsemmi hekk aktarx mill-ħafna zakak li kien jagħmel dan il-post l-għamara tiegħu), b'ta' Dmejda, b'tal-Bajjada u b'tal-Gozzu jew Gizzu (2). Xi ftit minn dawn għadhom jissemmew, iżda bħal issa jinstabu mibnijin kważi kollha.

Old Railway Track konna nafuha qabel ma nbniet bħala l-Linja jew l-Istazzjon minħabba li l-ferrovija kienet tgħaddi minn hemm fi triqitha bejn l-Imtarfa u l-Belt. It-triq taċ-Ċimiterju kulħadd il-Wied kien jafha. Triq San Valentinu, Triq Sisner u Triq Idmejda kienu ftit ta' żmien ilu toroq ġodda. Il-Villa tal-Konti u l-ħâra tagħha kien magħruf bħala r-raba' tas-Sur Bruno. U hawn ta' min isemmi frażi li żgur li kienet tintuża mill-Balzanin biss. Das-Sur Bruno kien irabbi fir-razzett tiegħu xadina li jgħidu li kienet ta' kruha liema bħalha. It-tfal li kienu jgħaddu mill-mogħdija ta' Sqaq Dmejda kienu jieqfu ħdejn ix-xatba ħalli dlonk jagħtuha titwila lil din l-imbierka, jew misħuta aħjar, ta' xadina. Tant indrat ix-xadina ta' Bruno li jekk Balzani ta' dak iż-żmien ried igħajjar lil xi ħadd ikreh, kien igħidlu: "Qisek ix-xadina ta' Bruno."

L-istejġ fejn wieħed jista' jirkeb il-karozzi għall-Mosta, in-Naxxar, jew San Pawl il-Baħar u l-Mellieħa, nafuh bħala 'Ħdejn il-magna tal-għaġin'. U saħansitra għandna 'ħdejn il-magna tal-għaġin ta' fuq' u 'ħdejn il-magna tal-għaġin t'isfel'. Dawn jissejħu hekk għax kienu jinsabu żewġ magni tal-għaġin. Dan il-post ta' qabilna x'aktarx kienu jgħidulu ħdejn il-mitħna, infatti għad hemm triq li tgħaqqad Triq in-Naxxar ma' Triq il-Wied li tissejjaħ Triq il-Mitħna.

Ħdejn il-bini tas-Sur Fonz, fejn tibda u tispiċċa Triq id-Dritta (ħajt tibda u ħajt ieħor tispiċċa) illum imsejħa Main Street u dari Strada Reale (għandi għal min irid jarahom kartolini u saħansitra ittra ndirizzata bi Strada Reale, Casal Balzan u mqassmin mill-pustier Numru 43, il-pustier inkarigat sabiex iqassam l-ittri f'Ħal Balzan dak iż-żmien) (3), nafu b'żewġ postijiet, fejn tibda t-Triq, post jismu Bir-Bal li tfisser Birkirkara — Balzan, u fejn tispiċċa t-Triq, post jismu Bal-Bir li tfisser Balzan-Birkirkara. Meta l-karozzi, li jitilqu minn ħdejn il-Corinthia, jiġifieri n-Numru 74, li dak iż-żmien kienu ħomor u magħrufa bħala ta' Ħal Balzan, kienu jitilqu minn ħdejn is-Siġar (għax bħallikieku hemm, fil-bidu ta' Ħal Balzan biss, kien hemm siġar) kulħadd kien jaf lil dawn il-karozzi bħala l-karozzi ta' ħdejn Bir-Bal.

Ħal Balzan jinstabu żewġt imsieraħ, il-Misraħ ta' Fuq, ħdejn il-ħanut tal-Qagħdi, u l-Misraħ t'Isfel fejn dari kien joħodlu nofsu l-parapett tas-sinjorini ta' Sant. Xejn ma kellha bokka bih dan il-parapett li jagħti għall-Misraħ is-Sinjorina Marta! Triq id-Dritta kienet tgħaqqad iż-żewġt imsieraħ u qabel ma nfetħet Triq il-Ġdida (għadna nafuha hekk din it-Triq? Irrid infisser Triq San Valentinu) nies ġirien tagħna kienu jiġbdulna saqajna billi jgħajruna 'ta' musrana waħda' għaliex it-traffiku jrid jitla' u jinżel minn banda waħda. It-Tliet Knejjes, Triq Providenza, Sqaq iż-Żebbuġa, u tar-Rummiena kienu jeżistu sa mill-bidu ta' Ħal Balzan u għadhom talikwali. Il-Madonna tar-Rummiena (bħal ma nsibu f'xi postijiet fl-Italja taħt it-titlu 'La Nostra Signora del Melograno') fil-kantuniera ma' Triq Providenza tqanqal qalb il-Balzani hekk kif ikun riesaq lejn il-qalba tar-raħal.

Ħal Balzan naqsmuh in-naħa ta' fuq u n-naħa t'isfel. Mill-Misraħ ta' ħdejn il-Knisja 'l fuq hija n-naħa ta' fuq u mill-Misraħ 'l isfel hija n-naħa t'isfel. In-naħa ta' fuq tiġbor fiha Fuq Santa Marija, u Wara Santa Marija bl-erba' sqaqien — Sqaq id-Dingejru, Sqaq iz-Zekkuk, Sqaq Fantin u l-isqaq ta' Ġorġ ta' Lucy. Fi Sqaq id-Dingejru (illum Quarry Street), tinsab wesgħa li konna nsejħulha l-'qatgħa'. L-għalqa tal-Fuli llum insibuha mibnija kollha u tissejjaħ Triq Papa Alessandru VII, il-Papa Taljan li ta permess li Ħal Balzan isir Parroċċa.

Naħseb li kulħadd jaf bil-'pompa ta' ħdejn il-Knisja', kif konna nafuha dari. Il-pompa tinsab magħluqa iżda dari, meta kellha l-manku twil, twil qisu denb, kien fiha dehra sabiħa. Igħidu li taħtha tinsab ġiebja ta' qisien kbar ħafna. Żewġt egħjun popolari oħra kienu, waħda kif tispiċċa Triq Santa Marija, in-naħa t'isfel mal-kantuniera ta' Triq id-Dritta, u l-oħra fi Triq Tliet Knejjes, kantuniera ma' Triq Providenza. 'Fuq il-għajn' kienet frażi fuq xofftejn il-Balzanin, fi żmien li dawn kienu jintużaw minn dawk li ma kellhomx vit id-dar.

Sant'Anton dejjem kien post fejn il-Balzanin kienu u għadhom iqattgħu sigħat ta' mistrieħ qalb il-fwejjaħ tal-fjuri u l-ħemda tas-siġar. Xi postijiet nafuhom hekk aħna l-Balzanin biss; ngħidu aħna 'ħdejn it-Torka', jiġifieri l-vaska ftit 'il fuq minn fejn hemm ix-xadini; 'taħt il-pavaljun', jafuh dawk in-namrati li nhar ta' Ħadd fil-għodu jew kmieni wara nofs in-nhar min jaf kemm qattgħu sigħat fuq il-bankijiet tal-ġebel li jinstabu hemm; 'ħdejn il-ġewża' fejn ħafna tfal Balzanin, qabel ma jmorru l-iskola, kienu jmorru jimlew buthom bil-ġewż li din is-siġra daqs ġorf twaqqa' fi żmienha. Iċ-ċinji li hemm fil-vaska 'tan-nofs' kulħadd bħala 'papri' jafhom, u l-wesgħa ta' fuq fejn kull sena jsiru l-plays ta' Shakespeare kulħadd jafha bħala 'taħt l-Arloġġ'.

Issa li qorob is-sajf jibda żmien il-fjammi jew kif forsi jafuhom fi rħula oħra tjur jew ħamiem. Iżda bħal dan iż-żmien qishom bdew jinqatgħu. Forsi l-'aerials' tat-T.V., li f'Ħal Balzan huma twal mhux ħażin, ibeżżgħu mhux ftit it-tajr u xejn ma jħajru lit-tfal sabiex jagħmluhom aktar. Dari xort'oħra! Nofs it-tfal ta' Ħal Balzan kienu jtajru t-tajra jew kif kienu jgħidulha l-fjamma. Irġiel dilettanti kienu jagħmlu xi skorfina (niftakar, Alla jaħfirlu, lil Kelinu ta' Pawla) jew xi fanal li saħansitra kienu jixegħlu bil-batterija. Żmien dak li ma jerġax jiġi!!

Dan hu wirt li Ħal Balzan, raħal twelidna, ħallielna. Għandna għax inkunu kburin li writna dan kollu, u għandna nagħmlu sforz sabiex dawn it-tradizzjonijiet ma nħalluhomx imutu mal-medda tas-snin, imma ngħadduhom lil ta' warajna u ngħidulhom li 'Balzanija kienet l-ewwel kelma f'fommna u bħala Balzanin dħakna u lgħabna fl-ewwel jiem ta' ħajjitna,' fir-raħal li ma jfissirx ħlief balzmu, raħal f'nofs Malta mdawwar kullimkien bil-ġonna u l-ward.

**minn ANTHONY FENECH**

*REFERENZI:*


(1) Papers In Maltese Linguistics by Prof. J. Aquilina LL.D., Ph.D. (Lond.) Pages 201 — Plants (Place-Names), Page 202 — Animals (Place-Names).
(2) DIMECH, Dun Ġwann, Ħal Balzan, Nru. 1 Topografija.
(3) Postmen's Handstamps, Malta Study Circle, Study Paper 18, Table II.


• minn paġna 4

sabiħa li għaliha attenda mhux biss il-poplu Balzani iżda wkoll bosta u bosta nies minn diversi rħula u bliet ta' Malta. Il-qniepen il-ġodda ssejħu hekk:— il-kbira li tiżen 2100 kilo tawha l-isem ta' ANNUNZJATA; ta' warajha ta' 1472 kilo ssemmiet ĠUŻEPPINA; dik li aħna nsejħu x-xiħa, li jisimha wkoll 'Annunzjata' kienet ukoll imdendla magħhom iżda mhux biex tittbierek billi kienet diġà mbierka; it-tieni waħda ta' 851 kilo ssemmiet VALENTINA; u ż-żgħira ta' 628 kilo ħadet l-isem ta' ĠOVANNA D'ARCO, protettriċi ta' Franza minn fejn ġew il-qniepen.

Kull waħda minn dawn il-qniepen kellha l-parrinu tagħha u kien hu li daqq l-ewwel tokk tagħha. Ma nista' qatt ninsa ċ-ċapċip tal-poplu preżenti għat-tokk ta' dawn il-qniepen ġodda! Il-parrinijiet ta' l-erba' qniepen ġodda kienu — Sir Ugo Mifsud, is-Sur Cassar Torreggiani, is-Sur Zammit Hammet, missier il-ħabrieki Viċi-Kappillan tagħna Dun Ġwann Zammit Hammet, u s-Sur Memè Scicluna. Wara li spiċċat iċ-ċerimonja, billi kien il-Ħamis, indaqqet mota fost il-ferħ tal-poplu preżenti, b'mod speċjali tal-Balzanin.

**JITTELLGĦU FIL-KAMPNAR**

Kien għad jonqos biss l-aħħar pass biex din l-opra tkun lesta minn kollox. Irrid ingħid kien għad jonqos biss li l-qniepen jittellgħu u jitqiegħdu f'posthom fil-kampnar majestuż tal-knisja parrokkjali tagħna. Bdew għalhekk iniżżlu l-qniepen il-qodma, u dawn wara li tniżżlu tkissru biex il-bronz tagħhom jinbiegħ lill-fabbrikant skond il-ftehim li kien sar. Għadni qiegħed nara rġiel ibigħu s-saħħa jagħtu bil-mazez fuq il-qniepen u dawn mad-daqqiet tagħhom jinfaqgħu u jsiru bċejjeċ. Niftakar li kont ġbart biċċa żgħira minnhom u damet għandi għal bosta żmien, iżda sfortunatament ġralha kif jiġrilhom l-affarijiet li jkollhom it-tfal. Maż-żmien din il-biċċa bronż żgħira ntilfet u ma dehritx iżjed.

Kienu s-suldati Maltin li ħadu ħsieb iniżżlu l-qniepen il-qodma u jtellgħu l-ġodda. Is-sett ta' qniepen ġodda ma setax jitla' fil-kampnar f'jum wieħed. Għalhekk l-ewwel tlieta ttellgħu matul il-ġimgħa u ħallew it-tnejn il-kbar għall-Ħadd ta' wara. F'dan il-jum fil-għodu telgħet il-qanpiena l-kbira billi din kellha tiddendel fin-nofs. Magħha tela' s-Sur Salv Vassallo ta' Mudest. Għadu qisu fi stampa quddiem wiċċi: kien bil-qiegħda fuq widnejn il-qanpiena u f'idu kellu qoffina mimlija bil-fjuri li dawn bdew neżlin bħal qtar tax-xita hekk kif il-qanpiena bdiet tielgħa 'l fuq. Dan Salvu li kien magħruf għaċ-ċajt tiegħu meta spiċċawlu l-fjuri u ma kellux xi jwaddab iżjed waddab ukoll il-qoffina li tella' miegħu.

Il-Ħadd wara nofs in-nhar telgħet ir-raba' u l-aħħar waħda. Ma' din il-qanpiena tela' s-Sur Gioacchino Demicoli ta' Manana u suldat tal-Maltin mir-Rabat. Hekk is-sett il-ġdid issa kien f'postu fil-kampnar. Id-daqq ferrieħi tal-qniepen il-ġodda nstama' għall-ewwel darba fil-festa ta' Marija Annunzjata fl-24 u l-25 ta' Marzu. F'dawk il-jiem kont tara qtajja' qtajja' ta' nies jitpaxxew bit-ton sabiħ tagħhom, u dan dam jiġri għal bosta żmien wara sakemm il-Balzanin drawhom sewwa.

Il-ħolma issa twettqet. Iżda kien għad jonqos qanpiena akbar xi ssir, billi l-fabbrikant kien qalilhom li biex is-sett ikun komplit kien jonqos waħda akbar. Din saret tlieta u għoxrin sena wara bit-tħabrik ta' Dun F.S. Zaħra bi ftit għajnuna tiegħi. Din il-qanpiena ġġib l-isem ta' Sant' Anna, tiżen 55 qantar u nofs, u swiet £2100. Mela Balzanin, filwaqt li nkunu nisimgħu d-daqq ferrieħi tagħhom indawru ftit il-ħsieb tagħna u niftakru f'dawk li b'tant sagrifiċċji tawna sett ta' qniepen tant sabiħ li jhenni u jferraħ il-qlub tagħna.

*Nota —*

Nirringrazzja lil Mons. F.S. Zahra, lis-Sur Ġużeppi Sammut il-Keti, lis-Sur Tony Fenech, u lis-Sur Carmelo Giordmaina Fantin li għenuni b'xi informazzjoni biex stajt nasal għal din il-kitba.


**KERAMIT**

**BUILDERS' AND PLUMBERS' MERCHANTS**

**IL-WIED BIRKIRKARA**

Fejn issibu:
BANJIJIET KULURITI, FRISKATURI TAL-WIĊĊ, W.C., ŻEBGĦA TA' L-ILMA, U MADUM IKKULURIT.

**4, OLD CHURCH STREET, B'KARA**

*Toħorġu bi prezzijiet konvenjenti.*

Tel. 42336



**VALLEY BUTCHER**

JOHN PULLICINO

**FOR FIRST CLASS MEAT**

**AND SERVICE**

**121, VALLEY ROAD, BALZAN**

Telephone: 42066



**STARLETS**

**284, HIGH STREET, BALZAN**

STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS,

NEWSPAPERS AND CIGARETTES

Telephone: 41644

# MRO. CLEMENTE SCIBERRAS A.MUS. L.C.M. (LOND.)

## SURMAST DIRETTUR TAL-BANDA SAN GABRIEL

**Is-Surmast Clemente Sciberras twieled f'Birkirkara fis-sena 1940. Huwa beda l-istudji tiegħu fl-età ċkejkna ta' ħdax-il sena, u wara sentejn ħareġ idoqq il-Flicorno-Tenore mal-Banda Nazzjonali 'La Valette'.**

Ħa sehem f'kemm-il Saggio li torganizza s-Soċjetà 'La Valette'. Fl-1958 is-Sur Clemente Sciberras beda jistudja s-Slide-Trombone fejn wara eżami kompetittiv ingħażel biex jidħol ma' l-orkestra tal-Commander-in-Chief,u kien il-prim trumbun ta' l-istess orkestra u ta' l-orkestra tal-British Institute. Illum is-Sur Sciberras huwa l-prim trumbun ta' l-orkestra residenti u nazzjonali tat-Teatru Manoel. Għal madwar ħmistax-il sena sħaħ ilu jgħallem l-istrumenti tar-ramm mas-Soċjetà tal-Banda 'Sant'Elena'.



Mro. Clemente Sciberras

Meta s-Sur Clemente Sciberras ra li l-mużika se tkun il-karriera tiegħu huwa ħass li għandu jibqa' jistudja t-teorija, l-armonija, il-kontrapunt,il-forma u l-istorja għand il-kompożitur Mro. Carmelo Pace F.L.C.M. Fl-1964 ħa ċertifikat ta' VIII Grade (Final) mir-Royal School of Music (London) u baqa' jistudja sakemm ħa diploma tal-A.MUS. L.C.M. (Lond). F'Mejju tal-1969 inħatar Assistent Direttur tal-Banda 'Sant'Elena', fejn sena wara sar Surmast Direttur ta' l-istess Banda.

Fil-11 ta'April 1972, is-Surmast Carmelo Briffa li kien Direttur tal-Banda 'San Gabriel' ħalla dan il-wied tad-dmugħ. Billi issa l-Banda 'San Gabriel' kellha l-post ta' direttur vakanti, il-kumitat ħa ħsieb jimla dan il-post. Kien hemm ħafna proposti għal min kellu jkun id-direttur il-ġdid tal-Banda, u l-għażla kienet li s-Sur Clemente Sciberras jieħu f'idejh il-Banda tagħna.

Għaldaqstant intgħażlet kummissjoni sabiex tavviċinah u turih il-ħsieb tal-kumitat. Is-Sur Clemente Sciberras aċċetta li jkun Direttur tal-Banda tagħna, li għaddiet taħt id-direzzjoni tiegħu fl-1 ta Mejju 1972. Minbarra li hu surmast-direttur tal-Banda, hu jieħu ħsieb igħallem l-allievi li minn żmien għal żmien ittħajru jitgħallmu l-mużika. Matul it-tliet snin li s-Surmast Clemente Sciberras ilu direttur tal-banda tagħna, huwa għamel il-possibiltà tiegħu sabiex il-banda tmur 'il quddiem u sabiex tgħolli l-ġieħ u l-isem tagħha.

Huwa surmast żagħżugħ, ħabrieki, u jinteressa ruħu ferm fil-qasam mużikali, u jieħu ħafna paċenzja bl-alljevi li jkunu taħt il-kura tiegħu. Is-Sur Clemente Sciberras ikkompona għadd ta' marċi brijużi sew għaż-żewġ baned tiegħu kif ukoll għall-Banda 'La Valette' u għal diversi baned oħra ta' Malta. Wieħed mill-marċi li kiteb għall-Banda tagħna jġib l-isem "Hortibus Undique Septa", li għadna kemm smajnieh jindaqq fuq ir-Rediffusion nhar l-Erbgħa, 7 ta' Mejju, meta bdew jinstemgħu l-istejjer tal-każini tal-baned ta' Malta u Għawdex, u tagħna kienet proprju l-ewwel waħda minn din is-sensiela ta' xandiriet.

Din is-sena għall-festa ta' Marija Annunzjata, il-Banda tagħna għandha sett ta' marċi ġodda, u s-Sur Clemente Sciberras, is-Surmast Direttur tal-Banda, kiteb il-marċ "Balzan Youths" u l-marċ "Sunny-site".

**Din is-sena għall-festa ta' Marija Annunzjata f'Ħal Balzan:**

**★ il-Każin 'Marija Annunzjata' se jżanżan sett ta' 24 bandalora ġodda, u**

**★ il-Każin tal-Banda 'San Gabriel' se jkollu lesti minn kollox il-pavaljuni u se jżanżan 2 pavaljuni ġodda.**

JIKTBILNA S-SEGRETARJU TAL-

# KAZIN MARIJA ANNUNZJATA

**Bħas-snin l-imgħoddija, is-Soċjetà Marija Annunzjata qed tagħmel ħilitha kollha sabiex il-festa titulari tagħna terġa' tkun suċċess bħas-snin ta' qabel, u għalhekk se tieħu sehem billi tagħmel dan il-programm —**

Nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Lulju il-Banda 'Santa Katerina' taż-Żurrieq tagħmel marċ li jibda fit-8.30 p.m. minn ħdejn il-Knisja u jgħaddi minn Triq it-Tliet Knejjes, Triq Providenza, Triq il-Kbira, u jispiċċa fi Triq Idmejda.

Is-Sibt, il-Banda 'Duke of Connaught' ta' Birkirkara tagħmel marċ li jibda fit-8.00 p.m. u jgħaddi minn Triq Idmejda, Triq it-Tliet Knejjes, Triq Providenza, għal Triq il-Kbira, u wara tagħmel programm fil-Pjazza ta' quddiem il-Każin.

Il-Ħadd fil-għodu, jum il-Festa, il-Banda 'San Gabriel' ta' l-istess raħal tagħmel marċ brijuż li jibda fid-9.30 a.m. u jgħaddi minn Triq Idmejda, Triq it-Tliet Knejjes, Triq Providenza, Triq Dr. Zammit, Triq San Franġisk, Triq il-Kbira, u jispiċċa ħdejn il-Knisja.

Il-Ħadd fil-għaxija, il-Banda 'Konti Ruġġieru' tar-Rabat tagħmel marċ li jibda fil-5.30 p.m. li jgħaddi minn Triq il-Kbira, Triq il-Providenza, Triq it-Tliet Knejjes, għal Triq il-Kbira, u wara tagħmel programm fil-Pjazza ta' quddiem il-Każin.

Il-Kumitat għand pjaċir jerġa' jħabbar li din is-sena se jżanżan sett ta' 24 bandalora li se jintramaw fil-Pjazza u ġo Triq Idmejda. Dawn il-bandalori ġew iddisinjati mill-President tal-Każin, is-Sur Pawlu Grima, u maħdumin minnu stess mgħejjun mis-Sinjura tiegħu Carmen. Dan ix-xogħol sar mingħajr ħlas, u l-flus tad-drapp qed jinġabru mis-Sur Alfred Barbara.

Is-Segretarju, flimkien mal-Kumitat, jirringrazzja lil kull min b'xi mod qed jagħti l-għajnuna tiegħu biex il-programm tal-festa jirnexxi għall-unur ta' Marija Annunzjata.

**Charles Chetcuti**

JIKTBILNA L-KAXXIER TAL-

# KAZIN SAN GABRIEL

**Bħalma jafu l-Balzanin kollha u dawk kollha li ġew għall-festa tagħna s-sena li għaddiet, għall-festa ta' l-Annunzjata kien iżżanżan sett ta' għaxar pavaljuni ġodda għal Triq il-Kbira n-naħa ta' fuq tal-Knisja. Dawn il-pavaljuni, għalkemm iżżanżnu, kienu għadhom m'humiex lesti minn kollox. Issa b'sudisfazzjon kbir inħabbar lill-Balzanin kollha u b'mod speċjali lill-benefatturi kollha li kkontribwew li din l-opra hija lesta minn kollox.**

Għal dak li huwa ġbir ta' flus, ngħid b'wiċċi minn quddiem li ma ltqajna ma' l-ebda tfixkil, anzi nistgħu ngħidu li ġbarna aktar milli kellna bżonn għall-ispejjeż tagħhom. Tant hu hekk li mill-istess fondi tal-pavaljuni xtrajna wkoll xi materjal ta' l-elettriku sabiex jinbidel il-mod li bih indawlu l-istess triq, billi rajna li issa d-dawl ġie xi ftit moħbi; u ngħidu wkoll li kien fadlilna drapp biżżejjed biex stajna nagħmlu żewġ pavaljuni oħra li se jiżżanżnu dis-sena.

Id-diffikultà waħda li ħabbiltilna ftit moħħna kienet li drapp isfar għall-ornament ma konniex sibna biżżejjed, u għalhekk ma stajniex illestuhom minn kollox is-sena li għaddiet. Biss fi Frar li għadda l-Madonna sabitilna dak li kellna bżonn, u għalhekk din l-opra issa hija lesta, kif se taraw fil-festa li ġejja.

Fuq il-pavaljuni nfushom ma jiena se ngħid xejn billi l-ftaħir ma hux tajjeb, u fuq kollox il-qawl Malti jgħid li min jiftaħar jaqa' l-baħar. Dal-ġudizzju nħallih għal min jarahom. Ħaġa waħda biss nista' ngħid fuqhom. Din hi li minn fomm dawk li rawhom is-sena l-oħra, għalkemm ma kinux lesti minn kollox, ma ħariġx kliem ta' tmaqdir u dan kien proprju sudisfazzjon kbir għalina u nkuraġġiment biex inkomplu nitħeġġu fix-xogħol tagħna għal dak li hu tiżjin ta' barra.

Ir-ringrazzjamenti tiegħi jmorru għal dawk kollha li ħadu ħsieb u meddew idejhom biex din l-opra setgħet titwettaq. Nirringrazzja l-ewwelnett lis-Sur Freddie Muscat tal-paċenzja u tax-xogħol li ħa sabiex pitter l-għaxar soprapavaljuni minn żewġ naħat. Nirringrazzja wkoll lil min ħa ħsieb jagħmel id-disinn ta' dawn il-pavaljuni, lil min fassalhom u lil min ħa ħsieb jiddisinja d-drapp u jfassal l-ornament. Nista' ngħid li dan kellu biċċa xogħol ta' paċenzja kbira u li ħaditlu ħafna mill-ħin liberu tiegħu, għax biżżejjed ngħid li dan l-ornament fih 1460 biċċa. Ma nistax inħalli barra lil dawk is-sinjuri li offrew ruħhom biex iħituhomlna. Ix-xogħol tal-ħjata tas-sena l-oħra sar minn dawn is-sinjuri — Joseph Borg, Ġuża Borg, Marlene Cipriott, Maria Ebejer, Rożina Mizzi (li ħietet tnejn), Annunzjata Fenech, Lola Calleja, Maria Aquilina, Maria Azzopardi, Ċettina Attard, Maria Zammit, u Grace Micallef. Ix-xogħol li sar din is-sena sar minn dawn is-sinjuri — Joseph Borg, Ġuża Borg, Salvina Muscat, Lola Calleja, Rożina Mizzi (li lestiet sitta), Grace Micallef (li lestiet tnejn).

Jekk ir-ringrazzjamenti tiegħi marru fuq dawn in-nies kollha li semmejt, ma nistax ma nirringrazzjax b'ringrazzjamenti speċjali lill-benefatturi kollha li għenuna bi flushom biex stajna nwettqu din l-opra li kompliet sebbħet l-armar tat-triq ta' quddiem il-Knisja. Lil dawn kollha ngħidilhom prosit u grazzi. Biss dawn kollha żgur li jieħdu ħlas akbar minn dan tiegħi mingħand is-Sultana tas-sema u ta' l-art, Marija Annunzjata, li f'ġieħha u għall-unur tagħha kien il-ħsieb tagħhom li meddew idejhom u stinkaw biex għamlu dan is-sett ta' pavaljuni.

**Valentino Muscat**

ZOMMU HAL BALZAN NADIF

LUCY MALLIA
GROCERY
76, BALZAN SQUARE,
BALZAN

THE BOOKWORM
NAXXAR ROAD, B'KARA
Telephone: 45269
BOOKSELLERS
STATIONERS
NEWSAGENTS
EDUCATIONAL TOYS

JOSEPH BARTOLO
100, VALLEY ROAD, BALZAN
Dealers in: Fresh Flowers and Plants; Suppliers to Messes, Hotels, Clubs, English and Foreign and Private Families. Orders for: Fresh Flowers, Wedding and complimentary Fancy Bouquet Promptly Executed at the shortest notice and at Very Moderate Charges. Phone: 42694
*Għal fjuri friski, bukketti ta' tiġijiet, u okkażjonijiet oħra, irrikorru għand din id-ditta.*

REAL LEATHER
BOOTS . . . SHOES . . . SANDALS . . .
BAGS . . . BELTS . . .
FANTASTIC COLOURS TO CHOOSE FROM AND MADE-TO-MEASURE (IN ANY SIZE)
ZAMMIT LA ROSA
FOOTWEAR LTD.
Good Shepherd Avenue, Balzan
Telephone: 41082

## ĦSIEB SPIRITWALI

# IL-FESTA

Għeżież Balzanin,

Din il-ħarġa tal-gazzetta tagħna għandha tkun f'idejkom qabel il-festa titulari, li hija l-okkażjoni prinċipali ta' kull sena fil-ħajja tal-Parroċċa. Waqt li qiegħed nikteb dan il-Ħsieb Spiritwali, ġa qiegħed nara jintrama t-tiżjin għall-festa fit-toroq tagħna, u l-Knisja tiġi mhejjija. Ta' spiss niltaqa' ma' ħaddiema jbajdu u jiżbgħu d-djar, waqt li jsir il-għbir fil-familji tant għall-festi ta' ġol-Knisja, kemm għal dawk ta' barra. Insomma, Ħal Balzan qiegħed, kif igħidu l-Ingliżi, 'in full swing' bit-thejjijiet tiegħu, u din hija ħaġa ta' sodisfazzjon kbir għal min iħobb il-Parroċċa. Qisna familja kbira li qiegħda tlesti għal xi okkażjoni speċjali fi ħdanha, per eżempju għat-tieġ ta' waħda minn uliedha. L-interess li ħafna rġiel u żgħażagħ juru għall-armar tat-toroq ta' pajjiżna jqawwili qalbi bil-bosta u jinkoraġġini ħafna fix-xogħol ta' thejjija li jien għandi d-dmir li nagħmel. Nixtieq nagħti prosit lil kulħadd minn issa, u nixtieq minn qalbi l-festa t-tajba lill-Għaqdiet kollha, lill-familji u lill-parruċċani kollha. Kemm hija sabiħa l-għaqda u l-ħidma għall-istess skop!

Biex din il-għaqda bejnietna u din l-armonija jkomplu jitkattru u jissaħħu, nixtieq tippermettuli nagħmel appell u rakkomandazzjoni ta' missier spiritwali tal-Parroċċa. Jiena naf li l-parti soċjali tal-festa għandha l-importanza kbira tagħha fil-ħajja parrokkjali, u b'dan nifhem il-festi ta' barra: tiżjin, mixegħla, baned, nar, briju u l-bqija. Biss kulħadd jifhem li dan kollu għandu jgħin, u mhux ifixkel, l-aqwa parti tal-festa, il-funzjonijiet ta' ġol-Knisja. Bħalma nagħmel appell għal dan fil-programm li nistampa, nixtieq intenni hawnhekk dan l-appell, jiġifieri li kulħadd jieħu sehem sħiħ fil-funzjonijiet li jsiru fil-Knisja, li kulħadd jersaq għall-quddies, il-qrar u t-tqarbin, li huma żgur l-aktar ħwejjeġ li jagħtu unur lil MARIJA ANNUNZJATA. B'hekk anke l-ferħ tagħna ta' barra jkun rifless tal-ferħ li jkollna f'qalbna, li huwa l-veru ferħ, għax ġej minn Alla u l-paċi tiegħu.

**Il-Kappillan.**

## MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

**Membri ġodda tal-komunità parrokkjali bil-Magħmudija:**

Stephen-Paul Leone Ganado, bin Albert u Eileen, imwieled 18 ta' Frar.
Max Zerafa, bin Max u Elaine, imwieled 14 ta' April.
Alistair Pace, bin Prof. Josejh-Leslie u Evelyn, imwieled 27 ta' April.
Edward Pace Balzan, bin Anthony u Ninette, imwieled 14 ta' Mejju.
Kevin Bencini, bin Perit Edward u Nathalie, imwieled 21 ta' Mejju.
Claudia Parnis, bint John u Carmen, imwielda 30 ta' Mejju.
Richard-Bonello, bin Dr. Francis u Mary-Rose, imwieled 30 ta' Mejju.
Sherrieka-Francesca Calleja, bint Joseph u Mary, imwielda 31 ta' Mejju.
Mark Camilleri, bin Joseph u Connie, imwieled 31 ta' Mejju.
Ian Briffa, bin Alfred u Vivian, imwieled 1 ta' Ġunju.
Stephen Mifsud, bin Michael u Marie, imwieled 6 ta' Ġunju.
Christopher Sciberras, bin Paul u Rose, imwieled 6 ta' Ġunju.
Aaron Bartolo, bin Raymond u Jane, imwieled 7 ta' Ġunju.
Cynthia Borg, bint Manuel u Rose, imwielda 13 ta' Ġunju.

**Ingħaqdu fl-imħabba fil-komunità parrokkjali tagħna:**

Grazio Grixti u Lina Vella, fit-28 ta' Mejju.
Ġorġ Attard u Marika Darmanin, fil-15 ta' Ġunju.
Tony Meilak u Doris Briffa, fil-5 ta' Lulju.

**Infirdu mill-komunità tagħna:**

Ġużeppina Pace, fis-6 ta' Ġunju.
Edward Baldacchino, fit-12 ta' Ġunju.
Carmela Ebejer, fil-15 ta' Ġunju.
Toni Muscat, fis-17 ta' Ġunju.
Carmela Brincat, fit-18 ta' Ġunju.


**MUNDLOS - Vigorelli**

L-AKTAR MAKNA TAL-ĦJATA AVVANZATA F'DIN ID-DINJA MODERNA

*Barra l-pont tas-soltu din il-makna tagħmel ukoll:*

- AĠĠORN SINGLU U DOPPJU
- VARJETA' TA' FANCY STITCHES SA 17mm WIESGĦA
- TISWIJA BIL-MILI AWTOMATIKA
- IRFINAR PERFETT ANKE FUQ IS-SUF
- KULL DAQS TA' AĊĊETTI
- TWAĦĦIL TA' BUTTUNI
- ZIG-ZAG + REFKI
- XOGĦOL FUQ IL-LAZZ

*Ara dawn il-makni meraviljużi għand:*

MUNDLOS SEWING CENTRE
114, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA


## KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Ngħidilkom bravi u prosit għax weġibtu għall-appell li għamilnielkom fl-aħħar ħarġa tal-gazzetta tagħna. In-numru tal-kompetituri li ħadu sehem fl-aħħar kompetizzjoni kien sabiħ ferm u jinkoraġġixxi ħafna lil min b'tant paċenzja jhejjilkom dawn il-kompetizzjonijiet. Għalhekk nerġa' ngħidilkom bravi u ibqgħu ħudu interess mhux biss fil-kompetizzjonijiet li nhejjulkom iżda fil-gazzetta kollha għax tkunu takkwistaw ħafna tagħlim sew fuq ir-raħal kif ukoll fuq ħafna ħwejjeġ oħra.

F'din il-ħarġa qed nippubblikaw artiklu fuq is-sett tal-qniepen. Għaldaqstant, jekk intom taqraw dan l-artiklu f'Ħal Balzan. Għalhekk ħsibna li tkun ħaġa tajba li l-kompetizzjoni tagħkom għal din id-darba tkun fuq dawn il-qneipen. Għaldaqstant, jekk intom taqraw dan l-artiklu tkunu tistgħu twieġbu l-mistoqsijiet li għamilnielkom li huma dawn:

1. **F'liema sena sar is-sett ta' qniepen ġodda?**
2. **Kemm-il qanpiena kien fih is-sett il-ġdid li nġab minn barra?**
3. **X'kienet ir-raġuni li għamlu dawn il-qniepen il-ġodda?**
4. **Kemm swew dawn il-qniepen?**
5. **Meta saret iċ-ċerimonja tat-tberik tagħhom?**
6. **X'għamlu bil-qniepen il-qodma?**

Bħas-soltu, ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel', jew impustawh intom stess fil-letterbox ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 2 ta' Awwissu, 1975.

It-tweġibiet tal-kompetizzjoni ta' l-aħħar ħarġa kienu: 1. Tiskużani; 2. Żarbun (sandli, karkur); 3. Mallia (Callus, Mejlak, Gellel, Taylor, Bellia); 4. Servi; 5. Xalatur; 6. Ġelat (frott); 7. Waddbu (tefgħu); 8. Irkantatur

Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni hija *Josephine Caruana* li toqgħod 14, Triq il-Barriera, Ħal Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulha.

## XOGĦOL ĠDID FIL-KNISJA PARROKKJALI

**Għall-festa titulari ta' Marija Annunzjata, tista' tgħid kull sena tiżżanżan xi opra ġdida fil-Knisja Parrokkjali. Is-sena l-oħra żżanżan il-kor, li nżebagħ mill-ġdid u ġie ndurat, fil-waqt li sentejn ilu sar l-artal tal-Madonna tal-Karmnu, wieħed mill-erba' artali tal-korsija. Il-prospettiva ta' dan l-artal kienet inżebgħet u ġiet indurata, u b'hekk l-artal ħa dehra tabilħaqq rikka u sabiħa.**

Din is-sena għandna l-artal tad-Duluri, li qiegħed sewwasew faċċata ta' dak tal-Karmnu. Il-benefattriċi li ħallset għall-ispejjeż tax-xogħol fuq il-prospettiva ta' dan l-artal hija s-sinjorina Carmela Micallef. Ta' min isemmi li ħafna mix-xogħol li sar fuq il-prospettivi taż-żewġ artali, kif ukoll fil-kor, sar b'xejn mis-sagristan tal-knisja, is-sur Valentino Chetcuti. Huwa ħa ħsieb ta' brix, stukkjar, żeba', u wkoll ta' l-irtokk li jkun meħtieġ wara li l-induratur ikun temm ix-xogħol tiegħu. B'hekk issa għandna tnejn mill-erba' artali tal-korsija lesti minn kull ma jeħtieġu.



**Dettal mill-artal. Innota x-xogħol fin ta' skultura, donnu bizzilla.**

Din is-sena wkoll ġew indurati tnax-il rużun li jitwaħħlu wara l-brazzi ta' l-elettriku. Dawn ir-rużuni, li b'kollox mal-knisja hemm 16, inħadmu mid-dilettant Balzani, is-sur Fredu Brincat, li llum m'għadux magħna. L-induratura ta' dawn it-tnax-il rużun, għax erbgħa minnhom kienu ġa ndurati, tħallset mis-sinjura Tessie Brincat, l-armla tas-sur Fredu.

Fil-festa ta' Corpus li għadna kemm iċċelebrajna, iżżanżnu tliet kappi ġodda u standard tas-Sagrament sabiex jintużaw għas-sekondi festi. L-istandard inħadem b'xejn mis-sinjuri Annunzjata Fenech, Marjanna Chetcuti, u Mary Chetcuti. Dawn it-tlieta min-nies jaħsbu wkoll għal kull xogħol ta' tiswija ta' trieħi u abiti sagri oħra li jinqala' matul is-sena, u dan ix-xogħol huma jagħmluh bla ħlas ta' xejn.

Opra oħra li żżanżnet din is-sena hija l-orgni ta' l-elettriku li ngħata bħala rigal lill-Knisja mis-Sala Parrokkjali. Dan tkellimna fuqu diġà fil-ħarġa li għaddiet.

Fl-aħħarnett insemmu wkoll li f'din is-sena se jkun ingħata bidu għax-xogħol tal-pittura tal-Kappellun tar-Rużarju. Fl-aħħar ħarġa ħabbarna t-twaqqif tal-Kumitat tal-Pittura; issa ngħarrfu, għas-sodisfazzjon tal-Balzanin kollha, li l-pittur, il-Kav. Emvin Cremona, diġà żar il-knisja tagħna, ħa l-qisien għat-tila li se jkollu bżonn, u ta kelmtu li se jagħti bidu ma jdumx għax-xogħol tal-pittura u sal-Milied li ġej jikxef parti minnha. Nittamaw li bħal dażżmien sena nkunu kburin bil-pittura l-ġdida.

## ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież tfal,

Issa li se jibdew il-ġranet tal-vaganzi, ħsibt u rajt li niktbilkom ħrafa sabiħa u li tiswielkom tul dan iż-żmien ta' mistrieħ għalikom.

Bosta tfal jaħsbu li l-vaganzi jiġu biex iħallu għal kollox l-istudju u jgħaddu tliet xhur jilagħbu u jixxalaw il-ħin kollu.

Il-vaganzi jiġu biex ikollna żmien itwal biex nistrieħu minħabba l-għejja ta' jiem sħan li nħabbtu wiċċna magħhom fi żmien is-sajf. Iżda xorta waħda jibqgħalna d-dmir li ma nittraskurawx għal kollox l-istudju.

Il-ħrafa hi din. Ċertu ħaruf infired minn sħabu tal-merħla, u hekk kif tbiegħed minnhom iltaqa' wiċċ imb'wiċċ ma' lupu feroċi. X'ħin ra li se jiġi mikul mil-lupu, refa' leħnu u qallu: "Għall-inqas qabel ma tqattagħni bċejjeċ doqqli daqqa u jien niżfinha."

Il-lupu tħassru u beda jsemmagħlu xi erba' noti sbieħ milli kien jaf hu. Dak id-daqq ma damx wisq li ma ġiex mismugħ mill-kaċċaturi, u hekk kif indunaw bil-lupu ġrew għal urajh biex joqtluh. Qabel ma miet, wara li kienu sparaw fuqu, il-lupu ħalla joħorġu minn fommu dawn il-kelmiet: "Ħaqqni aktar minn hekk, għax jien ma kontx maħluq biex indoqq imma biex noqtol u nisraq."

Għeżież tfal, il-vaganzi jgħaddu wkoll, u jekk fihom ma tkunu studjajtu xejn meta jaslu l-eżamijiet ikollkom tgħidu: "Ħaqqna aktar minn hekk li ma għaddejniex, għax aħna qisna iżjed li niġġerrew u nilagħbu milli nistudjaw."


**TOP SHOP**
(Salvu Deguara)
FI TRIQ IL-KBIRA
*L-AĦJAR*
ĦANUT TAL-GROCER
F'ĦAL BALZAN



**CORDINA HALL**
CARMEL STREET, BIRKIRKARA


TINKERA GĦAT-TIĠIJIET, ENGAGEMENTS
U KULL OKKAŻJONI OĦRA.
*Aħsbu kmieni għall-Booking*
Tel. 42093, 40183, 22254

*Jew applikaw għand:*


F. CORDINA & SONS
CORDINA SHOWROOM
Bishop Labini Street, Birkirkara

# IL-FESTA TAL-LUNZJATA


Il-festa ta' kull sena ġġib magħha mistennija kbira fost il-Balzanin kollha, l-aktar fost id-dilettanti tal-każini li, għalkemm għalihom il-festa tfisser xogħol, b'danakollu jkunu qed jistennewha b'ħerqa kbira. Sa minn ġimgħat qabel, id-dilettanti tal-festa jibdew jaħsbu għall-armar tat-toroq, l-aktar dawk minn fejn tgħaddi l-purċissjoni.



Ħmistax qabel il-festa, irġiel mill-każin 'San Gabriel' tarahom jarmaw-lek il-faċċata tal-knisja. Dan l-armar jikkonsisti f'disinn li jieħu madwar 1300 lampa, u li jagħmel mill-faċċata tal-knisja biċċa bizzilla ta' lwien differenti li ssaħħar bin-nhar u aktar bil-lejl. Dan id-disinn dari kien jinxtegħel biż-żejt.




Ħal Balzan mhux nieqes ukoll minn sett ta' statwi li jżejnu t-triq ta' quddiem il-knisja. Dawn l-istatwi, xogħol l-istatwarju Vincenzo Cremona, jirrappreżentaw il-profeti tat-Testment il-Qadim, u saru fil-bidu ta' das-seklu. L-iktar statwa imponenti hija Ġuditta, li dari kienet tintrama f'nofs il-misraħ ta' maġenb il-knisja.




Il-każini tar-raħal huma attivi ħafna fit-tħejjijiet tagħhom għall-festa, u ta' kull sena tista' tgħid iżidu xi ħaġa fl-armar. Is-sena li għaddiet, il-każin 'Marija Annunzjata' żanżan sett ta' tmien pavaljuni ġodda, u din is-sena għandu sett ta' erbgħa u għoxrin bandalora għall-Pjazza u Triq Idmejda.



Il-quċċata tal-ferħ tal-Balzanin tintlaħaq il-Ħadd fil-għaxija, għall-ħabta ta' nżul ix-xemx, hekk kif l-istatwa għażiża ta' l-Annunzjata titfaċċa fil-bieb tal-knisja sabiex toħroġ tbierek it-toroq tar-raħal sabiħ ta' Ħal Balzan.




Il-ferħ tal-festa jinħass l-aktar fil-marċi brijużi li jsiru fit-tlett ijiem tal-festa, l-aktar fil-marċ tal-Ġimgħa fil-għaxija li fih iddoqq il-banda tar-raħal. Partitarji tal-festa jinsew it-taħbit kollu ta' l-armar u jifirħu u jaqbżu quddiem il-marċ.



Il-marċ tal-Ħadd fil-għodu, li jaħseb għalih il-każin 'Marija Annunzjata', sar waħda mill-attrazzjonijiet tal-festa tagħna. Taħt xemx tisreġ, imtaffija biss mid-dell tal-pavaljuni, il-bandisti jgħaddu mit-toroq tar-raħal qalb it-tixjir tal-bnadar u l-imkatar u r-riħa tas-sfafar jinħarqu.



Is-sena l-oħra, il-każin 'Marija Annunzjata' żanżan ukoll kuruna kbira li tintrama ħdejn il-Madonna tar-Rummiena, sewwasew fejn Triq Providenza tingħaqad ma' Triq il-Kbira, u b'hekk reġa' ta ħajja lil drawwa qadima li kienet intesiet.



Żgur li l-isbaħ memorji tal-festa kollha huma l-waqtiet x'ħin il-vara tkun waslet biex tidħol. Fit-triq ta' quddiem il-knisja, imsaqqfa b'għaxar pavaljuni ġodda li żżanżnu s-sena l-oħra mill-każin 'San Gabriel', l-istatwa tal-Lunzjata, tlellex kollha dija bid-dawl tas-searchlight, tiddomina weħidha t-triq sa minn fuq Santa Marija.



Għall-Balzanin, il-festa ma tispiċċax bid-dħul tal-purċissjonijiet u d-daqq tal-barka. Jibqa' l-marċ ta' l-aħħar tal-Banda 'San Gabriel' li jerġa' jgħaqqad il-Balzanin għall-aħħar darba qabel tmiem il-festa, meta mbagħad huma jerġgħu jitfgħu t-tama tagħhom għall-festa tas-sena ta' wara.